MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru. 784/2000

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Philip Petroni

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Philip Petroni, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 134652(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, bejn Lulju u Awissu 2000 u fix-xhur ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda :

a. b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM2,650.92 liema ammont huwa iktar minn hames mitt lira, billi presenta cekkijiet tal-Bank of Valletta lil Power Centre ghad-detriment tal-bank of Valletta, Power Centre u persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Barra minn hekk jinsab akkuzat talli sar recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi tal-Qorti tad-dati 2/07/92, 11/07/97 u 27/10/98;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Frar, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 308, 309, 310, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat minkejja li l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza fil-21 ta' Marzu, 2003 baqa' ma ressaq l-ebda provi. Il-Qorti wissietu fis-seduta ta' l-11 ta' Gunju, 2003 illi jekk fis-seduta illi jmiss jigifieri fil-25 ta' Settembru, 2003 jerga' ma irressaqx il-provi tieghu l-Qorti kienet sejra tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi ghandha u l-imputat gie notifikat fl-awla gahs-seduta tal-25 ta' Settembru, 2003 u waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru, 2003 l-imputat ma deherx. Il-Qorti ghalhekk ghamlet referenza ghall-verbal taghha precedenti u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi certu Basili Nader Direttur tal-Power Centre kien ghamel rapport lill-pulizija fil-konfront ta' l-imputat fuq imsemmi fis-sens illi fit-tieni gimgha ta' Lulju tas-sena 2000 l-imputat kien mar il-hanut

tieghu, kien qallu li kien qieghed jibni dghajsa u talbu accessorji ghal din id-dghajsa.  Ha fil-fatt kwantita ta' accessorji.  L-ewwel darba li kien ha l-accessorji kien hallsu permezz ta' cheque ta' l-APS Bank illi kien vojt, izda kien iffirmat.  L-ghada l-imputat rega' mar ghand Nader tah lista ohra ta' accessorji li kellu bzonn, ha dawk l-accessorji u rega' halla c-cheque tal-gurnata ta' qabel. L-imputat allegatament baqa sejjer hekk erba tijiem shah u fl-ahhar gurnata mar ghand Nader talbu c-cheque tal-APS Bank lura u tah cheque tal-Bank of Valletta ghall-ammont totali ta' accessorji illi ha li kienu jammontaw ghall-valur ta' elfejn, sitt mija u hamsin lira u tnejn u disghin centezmu (LM2,650.92).  Meta Nader mar biex issarraf dan ic-cheque il-Bank qalulu li c-cheque ma jistax jissarraf u gie referred to drawer peress illi l-account in kwistjoni kien gie maghluq zmien qabel ma l-imputat tah ic-cheque in kwistjoni.

Illi meta l-imputat fuq imsemmi gie arrestat u l-pulizija riedu jiehdulu stqarrija huwa ghazel illi ma iwiegeb ghal ebda domanda li kienu ser jaghmlulu.

Illi xehed Basili Nader fis-sens illi f'Gunju tas-sena 2000 kien gie ghandu l-imputat fil-kumpannija tieghu li jisimha Power Center u l-imputat qallu li kien qieghed jarma dghajsa.  L-imputat dakinhar qallu jien gejt biex nara biss u mhux biex nixtri.  Dar il-hanut, u xi tlett gimghat wara gie b'lista ta' affarijiet li kellu bzonn u ippreparawhomlu kollha dakinhar stess.  Il-kont kien teghla ghal madwar disa' mitt lira.  L-imputat dakinhar tah cheque tal-APS Bank.  Qallu pero' ahjar ma timlix ic-cheque kollu illum ghaliex irrid nigi u niehu aktar affarijiet.  Iffirmalu c-cheque ghalhekk, imma hallihulu blank.  L-oggetti hadhom u iffirma karta li kien ukoll ircevihom.  Skond ix-xhud l-ghada l-imputat rega' mar.  Ix-xhud staqsih l-affarijiet kienux tajbin u qallu li kienu jimmacjaw ezatt, pero' kellu bzonn aktar affarijiet. Rega' hareg lista ohra u huwa beda jaghtih l-affarijiet li kellu bzonn.  Pero' xi affarijiet ma kellux u qallu isma jkunu ghandu jumejn ohra.  Gew biex jaghmlu l-lista tal-prezzijiet, tal-affarijiet illi kien ha l-imputat f'din it-tieni gurnata u t-total bejn l-ewwel u t-tieni gurnata telgha ghal kwazi elfejn lira.  L-imputat qallu allura meta nista nigi

ghall-affarijiet l-ohrajn, naghmlu kont wiehed u niktiblek ic-cheque u x-xhud qallu ejja jumejn ohra u jkollok l-affarijiet. U l-imputat hekk ghamel, rega’ mar, rega’ ha xi affarijiet u iffirma ghalihom u lix-xhud qallu mela zomm l-istess cheque, umbaghad nimlewh fl-ahhar nett fl-ahhar gurnata. Wara tlett ijiem ix-xhud cempel lill-imputat u qallu li l-affarijiet kienu qeghdin hemm. L-imputat gie ghalihom, hadhom u kellu lista ohra zghira. Xi affarijiet minnhom kellu u affarijiet ohra x-xhud ma kellux u kellu igibhomlu mill-istore. L-affarijiet li kellu pero’ ix-xhud l-imputat hadhom u iffirma ghalihom. Kull darba li jiffirma kien ikollu karta separata. Tlett tijiem wara x-xhud cempel lill-imputat biex jigi ghall-kumplament ta’ l-affarijiet u l-imputat gie ghalihom. Lestew il-kont u l-imputat qallu issa nara jekk l-affarijiet jiffitjawx biex jekk le imbiddlu s-sizes. Wara tlett tijiem ix-xhud cempillu u l-imputat qallu li kollox kien iffitja sew. Ix-xhud qallu mela ahjar tigi biex nirrangaw il-kont. Issa kienu saru l-ahhar ta’ Lulju tas-sena 2000. Il-gimgha ta’ wara x-xhud rega cempillu u l-imputat qallu gej ghada u fil-fatt gie. Ix-xhud hareg il-karti kollha, li dejjem taghhom kien tah kopja, u it-total tela’ ghal elfejn sitt mija u hamsin lira Maltin (LM2,650). L-imputat qallu issa ingiblek ic-cheque ghaliex dwar ic-cheque tal-APS bank l-imputat qallu li kellu cheque gej minn barra u kien ghad fadallu issarfu. L-imputat qal lix-xhud illi c-cheque li kien gej minn barra kien tah lill-mara tieghu biex tiddepositah, pero’ flok iddepositatu fil-kont tal-APS bank, iddepositatu f’kont iehor tal-BOV u ghalhekk l-imputat u x-xhud biddlu c-cheques. Ix-xhud ta lill-imputat ic-cheque tal-APS bank u l-imputat ta’ lix-xhud ic-cheque tal-BOV mimli u iffirmat minnu stess. Ix-xhud qal lill-imputat issa ghandi bzonn kopja ta’ l-ID card tieghek u dana peress illi xi affarijiet illi kien ha l-imputat fil-hanut dejjem jigu registrati mad-Dipartiment tal-Gvern. L-imputat fil-fatt tah l-ID card tieghu, ix-xhud ha kopja taghha u ta lura lill-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat qallu illi dan ic-cheque illi l-mara iddepositat fil-kont tal-BOV ghandu jigi imsarraf fit-tielet gimgha ta’ Awissu u weghdu lix-xhud illi ser jikkonfermalu dan kollu. Minn quddiemu l-imputat cempel lil xi hadd u beda jitkellem fis-sens illi ghat-taparsi qieghed jikkonferma ma xi hadd illi x-xhud haseb li kien il-Bank Manager dwar ic-cheque kienx ser jigi imsarraf fit-tielet

gimgha ta’ Awissu. L-imputat qal lix-xhud biex inkunu zguri naghmillek id-data fuq dak ic-cheque, 30 ta’ Awissu tas-sena 2000 u hekk ghamel. Ix-xhud ta’ lill-imputat ircevuta ta’ l-ahhar kont u tah ic-cheque ta’ l-APS bank li hu kien tah qabel u ha minflok ic-cheque tal-Bank of Valletta. Ix-xhud kompla jghid illi fit-28 ta’ Awissu tas-sena 2000 cempel lill-imputat biex jikkonferma setghax issarraf ic-cheque. L-imputat qallu jiena bhalissa qieghed il-bank, x’aktarx ser ikun kollox sew u ghalhekk fl-1 ta’ Settembru tas-sena 2000 ix-xhud mar bic-cheque il-bank. Pero’ l-bank ma setghux isibu l-account fejn kien gie mahrug dan ic-cheque. Ghamlu xi investigazzjonijiet u irrizulta li dak l-account partikolari li fuqu l-imputat kien hareg ic-cheque kien gie maghluq zmien qabel ma l-imputat hareg ic-cheque in kwistjoni lix-xhud. Ix-xhud ipprova icempel lill-imputat dakinhar stess biex issolvi l-problema, pero’ ma setghax jaqbdu u mar ghand l-Avukat tal-kumpannija. Dan qallu biex imur jaghmel rapport lill-pulizija fit-taqsima tal-Frodi u x-xhud hekk ghamel. L-Ispettur hemm hekk qallu li kienu ser jibghatu ghall-imputat. Fil-frattemp ix-xhud rega’ cempel lill-imputat u qallu b’dak illi kien ghamel. L-imputat qallu jien ma nista naghmel xejn izjed. Wara saghtejn l-imputat rega’ cempel lix-xhud u qallu biex jiltaqghu hdejn l-HSBC tal-Imsida sabiex jigi hemm hekk u jhallsu cash. Ix-xhud iltaqa mal-imputat u l-imputat hadu d-dar tieghu u urih id-dghajsa. U fil-fatt ix-xhud ra l-affarijiet tieghu imwahhlin fid-dghajsa ta’ l-imputat. L-imputat qallu ma gibtekx hawn hekk biex inhallsek imma biex tara li l-affarijiet tieghek huma imwahhlin fuq id-dghajsa tieghi u li ma ippruvajtx allura nidhaq bik u inbiegh l-affarijiet xi imkien iehor. Ix-xhud qallu jiena ma jinteressanix flus irrid. Tlett tijiem wara l-imputat rega’ cempel lix-xhud u qallu li ried jiltaqa ma l-Avukat tieghu sabiex jipprova jhallsu. B’hekk ix-xhud tah it-telephone number ta’ l-Avukat tieghu. L-imputat kellu icempel lill-Avukat tax-xhud sabiex jigi iffissat appuntament, pero’ l-appuntament qatt ma sar. Ix-xhud kompla jghid illi ftit wara kellmitu l-Ispettur Debono li qaltlu li kienet kellmet lill-imputat li kien ser jigi l-ufficju ta’ l-Ispettur biex ihallsu. Effettivament ix-xhud iltaqa ma l-imputat fl-ufficju ta’ l-Ispettur Debono, pero’ lill-Ispettur l-imputat qalilha illi ma kienx irranga u ma setghax ihallsu.

Ix-xhud ikkonferma li ghadu sal-gurnata tal-lum ma thallasx. Dwar ic-cheque ta' l-APS bank ix-xhud qal illi meta l-imputat kien mar ghandu l-ewwel darba kien qallu jekk ma nigix lura ghada inti tkun tista timla c-cheque u issarfu. Ix-xhud esebixxa erba' listi li juru l-affarijiet kollha li ha l-imputat u fotokopja tac-cheque tal-Bank of Valletta datat 30 ta' Awissu tas-sena 2000 iffirmat mill-imputat. Huwa esebixxa wkoll il-fotokopja tal-karta ta' l-identita tal-imputat. Ix-xhud ikkonferma in kontro-ezami illi l-ahhar negozju mal-imputat kien sar fil-11 ta' Awissu tas-sena 2000, mentri c-cheque huwa iffirmat 30 ta' Awissu, tas-sena 2000. Ix-xhud qal ukoll illi meta kien mar biex ikellmu l-imputat kien introduca lilu innifsu bhala Philip Petroni illi ghandu l-hwienet ta' Petroni tal-"white goods".

Ikkunsidrat :

Illi l-Ufficjal Prosekutur esebiet vera kopja ta' sentenzi, pero' ma ressqitx il-prova ta' l-identita fil-konfront ta' l-imputat u b'hekk il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova li l-imputat huwa recediv skond il-ligi.

Illi xehed Paul Gambina, Manager tal-Bank of Valletta, legal office illi esebixxa l-istatement ta' l-account number 11204073013 ta' Philip u Joseph Petroni, l-istatements ikopru mill-bidu tal-kont sal-gheluq tieghu. Is-Sur Gambina esebixxa wkoll l-specimen signature ta' dan il-kont.

Illi irrizulta illi l-account in kwistjoni infetah fil-31 ta' Ottubru, 1996 u inghalaq fis-27 ta' Frar, 1997.

Ikkunsidrat :

Illi fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti qattret lil Joseph Gaffiero bhala espert tal-kaligrafija sabiex jikkonstata li fl-ispecimen signature li tidher fuq id-dokument PG1 hijiex l-istess bhal firma li tidher fuq ic-cheque esebit a fol. 32A tal-process, id-Dokument ALX1 u l-espert tal-kaligrafija ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu u ikkonkluda illi ma hemm l-ebda dubbju illi l-firma illi tidher fuq ic-cheque datat 30 ta' Awissu tas-sena 2000 ghas-somma ta' elfejn

sitt mija u hamsin lira u tnejn u disghin centenzmu (LM2,650.92) taqbel perfettament mal-firma li tidher fuq l-ispeciment signature li giet pprezentata mill-bank, id-Dokument PG1. L-espert sostna illi z-zewg firem huma definittament maghmula mill-istess id, f'dak il-kaz dik ta' Philip Petroni, l-imputat fuq imsemmi;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' truffa. Il-Qorti sejra issa ghalhekk tezamina jekk mill-fatti li irrizultaw irrizultawx l-elementi ta' dan ir-reat. Kif qalet tajjeb il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija kontra Emanuel Ellul" deciza fl-20 ta' Gunju, 1997 fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija il-'mise en scene', cioe dawk l-artifizji jew raggiri idoneji li jinducu u li effettivament ikunu inducew lill-vittma fi zball, l-ingann, u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent. F'din l-istess sentenza il-Qorti kompliet tghid hekk : "Il-Ligi taghna ma tirrikjedix illi l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri jkunu xi haga kumplikata, jew arkitettata b'hafna pjanijiet. In fatti il-Ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn is-sitwazzjoni ta' meta persuna, b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew similazzjoni, taghti x'tifhem li ghandha flus meta ma ghandhiex, meta wiehed johrog cheque meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cheque jista jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom kontemplati fil-Ligi taghna. Pero', kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dezamina huwa t-telf patrimonjali li iggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu ir-rizultat ta' xi haga li taghmel, jew tonqos milli taghmel, il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti it-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-approprjazzjoni indebita bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isiru t-telf u l-korrispondenti qligh."

Ikkunsidrat :

Illi fil-fatt fil-kaz de quo gie ippruvat illi l-imputat uza artifizji jew raggiri li inducew il-vittma fi zball sabiex b'hekk inganna lill-vittma. Gie ippruvat ukoll illi b'konsegwenza ta' dan l-izball illi ghamlet il-vittma, hija sofriet telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-imputat. L-imputat hareg cheque meta certament kien jaf illi l-kont bankarju in kwistjoni kien ilu maghluq. Fil-fatt huwa hareg cheque lill-vittma fit-30 ta' Awissu tas-sena 2000 fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u hamsin lira u tnejn u disghin centezmu fuq kont tal-Bank of Valletta li kien ilu maghluq mis-27 ta' Frar 1997, kif jirrizulta a fol. 116 tal-process, u dana ifisser illi meta imputat hareg ic-cheque in kwistjoni il-kont bankarju in kwistjoni kien ilu maghluq ghal aktar minn tlett snin.

Illi ghalhekk meta hareg dan ic-cheque l-imputat kien qieghed jinganna b'wahda mill-forom kontemplati fil-Ligi taghna.

Illi gie ippruvat ukoll element essenzjali iehor tar-reat ta' truffa, u cioe' it-telf patrimonjali li garrbet il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Effettivament l-imputat ha accessorji ghad-dghajsa tieghu minghand il-vittma li kienu jiswew elfejn sitt mija u hamsin lira u tnejn u disghin centezmu; liema ammont ghadu pendenti. Il-vittma ghadu ma thallas xejn ta' dawn l-accessorji tad-dghajsa illi ha l-imputat ghad-dghajsa tieghu minghandu.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-reat ta' truffa il-Qorti qeghda issib lill-imputat <u>hati</u> ta' dan ir-reat, pero' ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza u cioe' dik illi l-imputat sar recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 1992, 11 ta' Lulju 1997 u 27 ta' Ottubru 1998, il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni naqset milli iggib il-prova ta' l-identita tas-sentenzi li hija esebit u b'hekk il-Qorti ma tistax tiddikjara lill-imputat recidiv kif mitlub;

Illi ghalhekk, in riassunt, il-Qorti wara illi rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Frar ta' din is-sena qeghda issib lill-imputat hati tar-reat ta' frodi kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u tiddikjara li f'dan il-kaz ghandu japplika wkoll l-Artikolu 310 (1) (a) tal-Kap. 9;

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat mhuwiex qieghed jigi meqjus bhala recidiv kif spjegat aktar 'il fuq f'dan il-gudikat. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat huwa pjuttost anzjan u f'dan il-kaz ikun aktar opportun illi huwa jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba u dan ikun ta' gid kemm ghalih kif ukoll ghas-socjeta in generali. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mil-lum u tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operativ ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas is-somma ta' elfejn sitt mija u hamsin lira u tnejn u disghin centezmu lil Basili Nader.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati illi jekk huwa jonqos milli jaghmel dan il-pagament fi zmien moghti lilu il-Qorti tista tordna illi s-sentenza sospiza tibda issehh skond il-Ligi.

Finalment il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------